C/2026/3121

10.6.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12369 — LIBERTY GLOBAL / VODAFONEZIGGO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3121)

1. Fl-1 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Liberty Global Holding B.V. ("LGH", in-Netherlands) ikkontrollata minn Liberty Global Limited ("Liberty Global", Bermuda),

— VodafoneZiggo Group Holding B.V. ("VodafoneZiggo", in-Netherlands), ikkontrollata b'mod konġunt minn Liberty Global u Vodafone Group Plc (ir-Renju Unit).

LGH se takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll eskużiv tat-totalità ta' VodafoneZiggo.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— LGH hija parti minn Liberty Global Limited, kumpanija internazzjonali konverġenti tas-servizzi tal-internet broadband, tal-vidjo, tat-telefonija b'linja fissa u tal-komunikazzjoni mobbli.

— VodafoneZiggo hija fornitur ta' servizzi tal-broadband, tal-mowbajl, tal-vidjo u tal-komunikazzjoni integrata u tad-divertiment lill-konsumaturi u lin-negozji madwar in-Netherlands.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12369 — LIBERTY GLOBAL / VODAFONEZIGGO

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
IL-BELĠJU/BELGIË